# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 479/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Timothy Joe FORACE**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell magħmul minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Timothy Joe FORACE (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 256085M) li ġie mixli (in suċċint) talli matul ix-xahar ta' Novembru 2017 u fil-ġranet li jiġu immedjatament qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
    i. Wettaq frodi b'valur li jeċċedi l-ħamest elef Ewro għad-dannu ta' K&Co Limited u HSBC Bank Malta plc fost oħrajn;
    ii. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Ewro;
    iii. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew

ħelsien minn obbligi jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

iv. Aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

v. U aktar talli wettaqt serq ta' ċekkijiet liema serq hu kwalifikat bil-persuna;

vi. U b'hekk irrenda ruħħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 and 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, rat li l-imputat rreġistra ammissjoni liema ammissjoni huwa reġa' kkonfermaha wara li ngħata żmien opportun sabiex jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu. Għal dawn il-motivi, il-Qorti sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-akkużi kollha kif prodotti, l-ammissjoni bikrija tal-akkużat u l-problemi li huwa għandu, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' tlett snin u nofs u b'dan illi entro dan il-perjodu ordnat li jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u tal-azzard, filwaqt li ħeġġet ukoll lill-awtortajiet sabiex jgħallmu lill-akkużat sengħa bl-intiża li meta joħroġ ikun f'pożizzjoni li jgħix u jgħajjex lill-familja tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Timothy Joe FORACE appella minn din is-sentenza, limitatament dwar il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel ħames akkużi pero tiddikjara illi tat-tieni, tat-tielet, ir-raba' u l-ħames akkuża huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel akkuża u tħassar tirrevoka u tikkanċella dik il-parti fejn sabitu ħati tas-sitt akkuża u tilliberah minnha u konsegwentement tinfliġġi piena aktar mita fiċ-ċirkostanzi; jew f'każ li din il-Qorti joġgħobha tiċħad l-ewwel aggravju allura tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-

akkużi kollha pero tiddikjara illi t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames akkuża huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel akkuża u tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza li titratta l-piena u tinfliġġi piena aktar mita kif spjegat f'dawn l-aggravji jew f'każ illi din il-Qorti ma taqbilx illi t-tieni, it-tielet u r-raba' u l-ħames akkuża huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel akkuża, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha pero tħassar, tirrevoka, u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza li titratta l-piena u tinfliġġi piena alternattiva għal dik karċerarja, u dan wara li stqarr is-segwenti: -

i. L-ewwel aggravju: l-ewwel Qorti ma setgħetx issib lill-imputat ħati tal-akkuża ta' reċidiva u dan stante n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi almenu vera kopja fotostatika tas-sentenza relativa.
ii. It-tieni aggravju: il-piena applikabbli fiċ-ċirkostanzi hija dik ta' bejn sentejn u disgħa snin. L-akkużi tnejn sa ħamsa huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel akkuża u dan għaliex dawn saru bħala mezz għall-fini biex jiġi kommess l-ewwel reat li huwa r-reat ta' frodi skont l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 jgħid illi f'każijiet simili tingħata l-piena tar-reat l-aktar gravi f'dan il-każ allura ta' frodi. Għalhekk qiegħed jingħad li l-piena applikabbli hija ta' bejn sentejn u disgħa snin. Il-Qorti tal-Maġistrati rrikonxxiet li l-appellat kellu bżonn l-għinuna għalhekk setgħet applikat il-piena minima ta' sentejn priġunerija u setgħet issospendiet il-piena karċerarja bil-kundizzjoni li jħallas lura l-ammont hekk defrodat.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar il-11 ta' Novembru 2017, l-appellant Timothy Joe FORACE ġie arrestat mill-Pulizija fuq suspett ta' serq ta' cheque book mill-kumpanija K&Co Limited ma' liema kumpanija l-appellant kien hekk impjegat sa ftit jiem qabel. L-appellant ġie interrogat fejn huwa ammetta mal-Pulizija li kien seraq kwantita' ta' cheques minn cheque book tad-ditta K&Co Limited u li dan għamlu għaliex kellu dejn ma' terzi persuni minħabba l-vizzju tiegħu tal-logħob tal-azzard. L-appellant stqarr mal-Pulizija kif hu kien seraq dawn il-kwantita' ta' cheques minn kexxun fl-iskrivanija u li kien mar il-bank isarraf dawn iċ-ċekkijiet madwar erba' darbiet.

5. L-appellant FORACE stqarr mal-Pulizija li minn seba' cheques li huwa kien seraq, tlieta minnhom ta' tlett elef -il wieħed kien

sarrafhom, wieħed minnhom ta' erbat elef u ħames mija ma ssarrafx għax indunaw li l-firma kienet iffalsifikata u ta wkoll cheque ta' tlett elef Ewro lill-persuna ma' min huwa kellu d-dejn liema cheque ssarraf fuq l-idejn. Tnejn minn dawn iċ-ċekkijiet qal li remiehom għaliex kien ħa żball hu u jimlihom. FORACE ammetta li kien jiffalsifika l-firem sabiex ikun jista' jsarraf dawn iċ-ċekkijiet u li ma kellux prokura sabiex isarraf ċekkijiet f'isem il-kumpanija K&Co Limited.

6. Nhar it-12 ta' Novembru 2017, il-Pulizija ressqu lil Timothy Joe FORACE quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'dan illi huwa ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u l-Qorti, wara li tgħatu żmien biżżejjed sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, rat li reġa hekk tenna din l-ammissjoni u għalhekk għaddiet għas-sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lill-akkużat FORACE għal tliet snin u nofs priġunerija effettiva.

**Ikkunsidrat ukoll**

7. Illi nhar it-22 ta' Novembru 2017, l-appellant FORACE intavola appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fil-konfront tiegħu limitatament dwar il-piena inflitta ta' tlett snin u nofs priġunerija effettivi.

8. Huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180,

Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

9. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :
    a. għall-offiża in kwistjoni u
    b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

10. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

11. In oltre, f'materja ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta l-imputat appellant ikun hekk irreġistra ammissjoni skont il-Liġi, il-pożizzjoni ribadita mill-Qrati tagħna hija dik li stqarret il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

12. Issa l-appellant qiegħed jikkontesta l-kwantita’ ta’ piena hekk inflitta bħala ma tirrentrax fil-parametri legali għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta fid-deċiżjoni tagħha li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u dan in kwantu ma ġietx ippruvata r-reċediva u fit-tieni lok għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta fl-applikazzjoni jew fin-nuqqas ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali in materja ta’ assorbiment ta’ reati li jservu bħala mezz għall-fini.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċediva mertu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

13. In materja ta’ reċediva, din il-Qorti hekk kif preseduta[2] dejjem irriteniet li biex Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta’ persuna misjuba ħatja ta’ delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva fl-ewwel lok. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista’ jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista’ jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b’mod ġenerali jew speċjali.

14. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali b’mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, ir-reċidiva tista’ tħalli impatt serju fuq il-kwalita’ u l-kwantita’ tal-piena imponibbli fuq l-imputat.

[2] Ara **Il-Pulizija vs. Johann Azzopardi** deċiża nhar it-23 ta’ Frar 2021.

15. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċement mad-daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u l-ġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f'kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena.

16. Iżda sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjali ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti.

17. Fosthom hemm :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;
ii. Ir-reċidiva mhix reat per se iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.
iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.
iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.
v. Għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.
vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell

Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

18. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċediva fil-konfront tal-appellant FORACE ġie meqjus mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni minħabba l-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

19. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fir-rigward tal-argumenti mresqin mid-Difiża, kif ukoll fuq jekk għandhiex issir distinzjoni fil-każ li persuna imputata tirreġistra u tikkonferma ammissjoni fir-rigward tar-reċidiva in kwantu hija addebitu u l-kontestazzjoni ta' reat kriminali in kwantu imputazzjoni. Il-Qorti qieset ukoll deċiżjonijiet preċedenti tagħha u dawk magħmula minn Ġudikanti oħra dwar ammissjoni fil-każ ta' reċidivita'.

20. Qabel xejn jirriżulta ċar li l-appellant, tajjeb jew ħażin, minn jeddu u mingħajr ħadd ma ġegħlu, iddeċieda li jirreġistra ammissjoni fil-preżentata fl-unika seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Novembru 2017. Għal dik is-seduta huwa kien assistit minn Avukat. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imxiet skont il-proċedura fl-artikoli 392A u 453 tal-Kodiċi Kriminali. L-ammissjoni reġistrata mill-appellant kienet waħda mingħajr kundizzjoni jew kontestazzjoni – inkluż dik fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva li kienet ġiet mogħtija lilu mill-Prosekuzzjoni. Ġaladarba ġiet magħmula dik l-ammissjoni minn FORACE, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex triq oħra ħlief li ssegwi l-proċedura msemmija fl-l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u tgħaddi għas-sentenza.

21. Kif intqal mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** tas-17 ta' Lulju 2002:

> Ghandu jigi osservat ukoll li meta jkun hemm ammissjoni kif prevista fl-Artikolu 392A(1), u wara li jsir dak li ghandu jsir skond l-Artikolu 453(1), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tista' tghaddi biex taghti s-sentenza. S'intendi dik il-qorti ghandha l-obbligu li tisma' kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza dwar il-piena; u xejn ma jzomm lil dik il-qorti milli tordna, jekk jidrilha li jkun utili li taghmel hekk sabiex ikollha stampa ahjar tal-fatti, li jinstemghu ix-xhieda jew xi xhieda. Ghalkemm l-iskop tal-legislatur meta introduca s-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u l-Artikolu 392A(1)(2) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni, bid-dewmien li din necessarjament iggib, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu geluzi li ma jissagrifikawx il-gustizzja oggettiva fil-ghoti tal-piena fuq l-altar tal-konvenjenza jew tal-pseudo-efficjenza bbazata fuq cifri u statistika. Fil-kaz in dizamina, fil-fatt, l-ewwel qorti korretement semghet bil-gurament u f'zewg seduti separati (16 ta' Gunju, 2002 u 18 ta' Gunju, 2002) lill-Ispettur Mario Tonna, li ezibixxa, fost affarijiet ohra, l-istqarrija ta' Emmanuel Testa li minnha jirrizultaw il-fatti li jammontaw ghar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet. Jinghad ukoll li l-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, kellu l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu a rigward tal-piena, izda baqa' ma uzufruwiex minn tali opportunita`.

22. F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha. U huwa għalhekk li, diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati jisħqu li appell mill-piena fil-każ li l-appellant ikun irreġistra ammissjoni huwa fin-natura tiegħu odjuż. Ladarba imputat ikun ammetta għall-imputazzjonijiet huwa jiġi suġġett għall-kundanna u għall-piena li tkun erogata fuqu – dment li din tkun piena li tkun fil-parametri tal-Liġi, tkun korretta fil-prinċipju, u ma tkunx piena li tkun manifestament eċċessiva.

23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu,

huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi.

24. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Sean Farrugia** tal-20 ta' Novembru 2020 :

> Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

25. Apparti minn hekk, il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx kopji tas-sentenzi li minnhom tirriżulta r-reċidiva, huwa inkonsegwenzjali in kwantu f'dan il-każ, l-addebitu tar-reċidiva ġie debitament ammess mill-istess appellant. Fil-fatt, anke fil-kuntest ta' reati oħra li jeħtieġu l-prova ta' sentenzi preċedenti sabiex ikunu jistgħu jitqiesu pruvati, din il-Qorti diversi drabi tenniet li ġaladarba jkun hemm l-ammissjoni tal-imputat għar-reċidiva jew għal dak ir-reat, ma jkunx hemm ħtieġa li tinġieb din il-prova. Naturalment tkun storja oħra fil-każ li l-imputat jikkontesta kemm l-imputazzjonijiet kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva. F'dak il-każ il-Prosekuzzjoni tkun obbligata li ġġib il-prova sħiħa, bħal ma din il-Qorti kif presjeduta saħqet fl-appell kriminali **Johann Azzopardi** msemmi aktar il-fuq.

26. Biss fil-każ t'ammissjoni li tkun ukoll tinkludi l-addebitu tar-reċidiva, il-prova sħiħa tar-reċidiva – inkluż is-sentenzi eċċetra - mhix meħtieġa li tinġieb mill-Prosekuzzjoni grazzi għall-fatt innifsu li l-imputat ikun ammetta għal dak l-addebitu. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Keith Pace** tal-25 t'April 2008 il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano kien stqarr hekk :

> Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2008 li permezz tagħha, fuq ammissjoni kif registrata fl-udjenza tat-18 ta' Jannar

2008 quddiem il-Qorti Inferjuri, sabet lill-imputat Keith Pace hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (dik il-qorti pprecizat li fil-konfront ta' l-akkuzi dwar il-ksur ta' l-Artikolu 7 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 "mhux ser taghti ebda provvediment stante li ebda sentenza f'dan ir-rigward ma giet ezibita…biex il-Qorti tkun tista' tiehu konjizzjoni taghha[1]).....

-------------------------------------

1. Minn din il-parti tas-sentenza ma sar ebda appell mill-Avukat Generali. Din il-Qorti – Qorti ta' l-Appell Kriminali – pero` jkollha tistqarr li hija haga ferm stamba li l-ewwel qorti, ghalkemm qed tiddikjara htija ghal dak li hu ksur tal-imsemmija Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446, ma tipprovdix kif mehtieg skond l-imsemmi Kap. 446. Kullma kellu jsir kien li l-ewwel qorti tordna lir-Registratur li jipprovdiha b'kopji legali tas-sentenzi relattivi galadarba ma kienx hemm aktar lok, bl-ammissjoni, li jitrassqu aktar provi mill-prosekuzzjoni. Pero`, kif inghad, ma hemmx appell min-naha ta' l-Avukat Generali.

27. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza dil-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi u tikkonsidra li l-appellant kien reċidiv skont kif ammetta huwa stess. B'hekk il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel aggravju.

## Ikkunsidrat

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni, tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet mertu tat-tieni aggravju tal-appellant.**

28. Illi l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla s-sitwazzjoni fejn is-suġġett attiv tar-reat ikun hekk ikkometta żewġ fatti-reati jew aktar sabiex dawn iservu għall-kommissjoni ta' fatt-reat aktar gravi. L-implikazzjoni tal-Artikolu 17(h) għall-fini ta' komputazzjoni ta' piena hija fis-sens li l-piena għaż-żewġ reati jew iktar li servew ta' mezz għall-fini li jiġi kommess il-fatt-reat l-iktar gravi, tiġi assorbita f'dik tar-reat l-iktar gravi.

29. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma tirrikonoxxix li r-reati kollha jkunu ġew kommessi mis-suġġett attiv tar-reat u li tagħhom ikun irid għalhekk jiġi misjub ħati. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeżiġi li l-Qorti xorta waħda tippronunzja ruħha f'dan is-sens b'konsegwenza ta' nullita' jekk tonqos milli tagħmel dan.

30. Dan il-prinċipju ġie ampjament spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 :

Dan is-sub-inciz jiddisponi :-
"meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi ." Mid-dicitura tal-ligi johrog car , li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f'dik tar-reat aktar gravi, imma r-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar .

Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-
"..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded.This is the application of the method of "assorbimento"

31. Għalkemm l-appellant FORACE irreġistra ammissjoni u ma ressaq ebda prova in sostenn għal kwalunkwe teżi difensiva tiegħu, din il-Qorti xorta waħda tqis li mill-istqarrija rilaxxjata mill-appellant stess, huwa possibbli għal din il-Qorti biex tanalizza dan l-aggravju u tara jekk u kif l-imputazzjonijiet numru tnejn sa ħamsa setgħux servew bħala mezz għall-fini li tiġi kommessa t-truffa kkontemplata fl-ewwel imputazzjoni.

32. Mill-istqarrija tal-appellant, jirriżulta ex admissis li huwa kien seraq kwantita' ta' ċekkijiet minn cheque book appartenenti għall-kumpanija K&Co Limited bl-iskop li jkun jista' jsarrafhom u jkollu l-flus sabiex iħallas id-dejn li għamel ma' terzi persuni fuq logħob tal-azzard. F'paġna 15 tal-istqarrija, FORACE jgħid hekk :

M: Min għamel ir-rapport fil-konfront tiegħek qed jgħid li hemm seba' ċekkijiet neqsin mic-chequebook, maqtugħin bil-mamma b'kollox. X'għamilt bihom inti dawn?
T: Nispjega li jien mort il-bank insarraf iċ-ċekkijiet minn dawn b'kollox erba' darbiet. Tlieta minnhom ta' €3000 -il wieħed, issarfu u dalgħodu mort b'wieħed ta' €4500 pero ma ssarrafx għaliex indunaw li l-firma ma kinitx tas-sid ic-chequebook. Inżid ukoll li jien tajt ċekk lil persuna li ma rridx insemmi isimha, ta' €3000 u sarrafuli fuq l-idejn. Għandi nifhem li dan mar isarfu wara l-bank. Ngħid ukoll li ż-żewġ ċekkijiet l-oħra li kelli armejthom għaliex inkun iffirmajt ħażin jew ktibt xi ħaġa mhxu korretta fihom allura ma stajtx nużahom. B'hekk nispjega li ma fadallix aktar ċekkijiet misruqin għandi.
M: Min mela u ffirma daw iċ-ċekkijiet?
T: Jien mlejt u ffirmajt dawn iċ-ċekkijiet.

33. Minn kliem l-appellant kwindi, huwa opera din it-truffa għad-dannu ta' K&Co Limited u HSBC Bank Malta plc bil-falsifikazzjoni ta'

numru ta’ cheques li kien għadu kemm seraq mill-imsemmija kumpanija u addirittura wasal sabiex sarraf uħud minnhom u għamel użu minn dawn il-flejjes.

34. Din il-Qorti tqis li għalkemm ir-reati ipotizzati fit-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjoni jistgħu jikkonfiguraw bħala reati distinti minn dak ta’ truffa, f’dan il-każ jirriżulta li servew ta’ mezz għall-fini tal-kommissjoni tat-truffa da parte ta’ FORACE. B’hekk fil-komputazzjoni tal-piena, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tapplika r-regola prospettata mill-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u tikkunsidra l-piena għat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet bħala assorbita f’dik tar-reat l-iktar gravi ta’ truffa hekk ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 308 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Mistqarra dan il-prinċipju, ikun ifisser li skont l-applikazzjoni tal-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena li kellha tiġi applikata kienet taqa’ fil-parametri ta’ bejn sentejn u disa’ snin priġunerija.

35. Biss, din il-Qorti tosserva kif l-imputat appellant **<u>ammetta wkoll – inkondizzjonatament</u>** - għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, inkluż bl-implikazzjonijiet li l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali kien sejjer ikollu fuq il-kwantum tal-piena li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) riedet li timponi fuqu. Dan ifisser illi ġaladarba l-valur tat-truffa kien magħruf u pruvat, kienet għalhekk tapplika l-iskala tal-pieni imsemmija fl-artikolu 310(1)(a) - fil-parametri ta’ bejn sentejn u disa’ snin priġunerija.

36. Bħal ma jiġri fil-każ tar-reċidiva, anke l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandu jitqies li kien meqjus pruvat bis-saħħa tal-ammissjoni reġistrata u mtennija mill-appellant matul il-preżentata. Iżda bħal ma jiġri fil-każ tar-reċidiva, anke d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali – kull meta jkunu pruvati sal-grad li trid il-Liġi – jew b’ammissjoni jew bi provi sikuri fil-każ ta’ kontestazzjoni – il-ġurisprudenza patrija tgħallem li d-diskrezzjoni aħħarija jekk tiżdiedx il-piena skont kif imsemmi fl-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali hija dejjem fdata fil-ġudizzju għaqli tal-Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali.

37. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali hekk kif qiegħed jippretendi l-appellant fir-rigward in kwantu huwa ammetta li kien reċidiv inter alia fis-sens tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

38. Din il-Qorti tirrikonoxxi li fiż-żmien meta ġew kommessi r-reati de quo l-appellant kellu bżonn l-għajnuna u kien jeħtieġ li jiġi segwit b'mod professjonali sabiex jindirizza l-vizzju tiegħu tad-droga u tal-logħob tal-azzard. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler,** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009, tqis anke, possibilment, lil **<u>xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel Qorti</u>** :-

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

39. Din il-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u anke fid-dawl tal-fatt li mill-provi li jidhru lil din il-Qorti jidher li l-appellant, fil-mori tal-proċeduri, iġifieri sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel Qorti, huwa għamel progress billi mhux biss għamel l-almu tiegħu biex jirriżarċixxi lil vitmi tat-truffa kommessa minnu, iżda wkoll li jinfatam mill-vizzju tad-droga u l-logħob tal-azzard, kif ukoll beda jgħix ħajja xi ftit aktar stabbli, tqis li għandu jkun hemm bidla fin-natura tal-piena għal waħda komunitarja sabiex filwaqt li l-appellant ikun taħt skrutinju kontinwu, huwa jkun jista' jaħdem fuqu nnifsu u jtejjeb il-qagħda tiegħu biex ma jerġax jiddelinkwi. Naturalment, jekk jimmolla mill-obbligi li se jkunu imposti fuqu, imbagħad jirrokka.

# Deċide

Konsegwentement, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tilqa l-appell in parte billi:

a) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet;

b) Tvajra s-sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet billi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni **iżda** li b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' piena dawn għandhom jiġu meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tal-ewwel imputazzjoni;

c) Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-imputat appellant għal tlett snin u nofs priġunerija u minflok, peress li f'dan l-istadju tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2, 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi:-

i. tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' **tliet snin** millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; il-Qorti tirrikonoxxi li r-reati li tagħhom instab ħati l-appellant iġorru piena ta' bejn sentejn u disa' snin priġunerija u b'hekk jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; fis-sens ta' dak l-artikolu il-Qorti tqis li, fid-dawl tal-fattispecie ta' dan il-każ, nonche r-rapporti professjonali li saru u ġew preżentati matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, jirriżulta li l-fatt li l-appellant wera progress biex jinfatam mill-vizzji li kellu fiż-żmien li seħħew ir-reati de quo u li wasluh biex jikkommetti r-reati de quo u l-fatt li beda jgħix ħajja aktar stabbli bl-għajnuna tal-aktar nies viċini tiegħu kif ukoll jirriżulta mill-istess relazzjonijiet peritali, dan il-każ huwa meritevoli li fih issir tali ordni ta' probation u servizz; u

ii. tqiegħed ukoll lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal **mitt siegħa** f'dak il-post

u b’dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta’ probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma’ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta’ probation, jista’ jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b’din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f’każ ta’ nuqqas t’adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.  Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u tal-ordni ta’ probation bid-digrieti ta’ llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre fit-termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati sabiex iħallas kwalunkwe bilanċ li jista’ għad fadallu jħallas lil vitmi tar-reati tiegħu fi żmien sena millum.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ORDNI TA' PROBATION

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 30 ta' Settembru 2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Timothy Joe FORACE**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Timothy Joe FORACE** detentur tal-karta tal-identita' numru 256085M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tliet snin** millum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Għalhekk **tordna** li l-ħati **Timothy Joe FORACE** detentur tal-karta tal-identita' numru 256085M ikun għal perjodu ta' **tliet snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Timothy Joe FORACE**

**Christianne Borg,**
**Deputat Registratur**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 30 ta' Settembru 2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Timothy Joe FORACE**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Timothy Joe FORACE** detentur tal-karta tal-identita' numru 256085M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati **Timothy Joe FORACE** detentur tal-karta tal-identita' numru 256085M u residenti 37, Triq il-Punent, Valletta jagħti **mitt (100) siegħa** xogħol/servizz fil-komunita’ li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta’ Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ servizz fil-komunita’, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’, jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’ maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta’ servizz fil-komunita’, il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’;

3. Li jwettaq b’mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta’ xogħol siewi fil-Komunita f’dawk il-ħinijiet u għal tul ta’ dak iż-żmien kif speċifikat aktar ‘il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ b’kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’;

6. Li għandu jżomm ruħu f’kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’ skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’;

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta’ ftehim ta’ xogħol ta’ servizz fil-komunita’.

**TORDNA** li kopja ta’ din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**F’każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ quddiem il-Qorti kompetenti**.

**Timothy Joe FORACE**

**Christianne Borg,**
**Deputat Registratur**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**